4.10.2016

B8-1051/2016 }
B8-1052/2016 }
B8-1055/2016 }
B8-1056/2016 }
B8-1058/2016 } RC1/Am. 26

**Emenda 26**

**Maria Arena, Edouard Martin, Kathleen Van Brempt, Maria João Rodrigues**
f'isem il-Grupp S&D
**Yannick Jadot, Karima Delli, Ernest Maragall, Bart Staes**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE**
dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jappella biex din il-politika industrijali tal-UE tkun ibbażata fuq miri u indikaturi ċari – inklużi objettivi ambizzjużi dwar l-effiċjenza enerġetika, ir-riżorsi u l-klima – u fuq approċċ ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja u l-ekonomija ċirkolari; jisħaq fuq il-fatt li għandha tinkludi taħlita intelliġenti ta' miżuri min-naħa tad-domanda u min dik tal-provvista bl-għan tar-rilokalizzazzjoni tal-ekonomija fl-UE u li din issir aktar reżiljenti u inqas dipendenti fuq ir-riżorsi; jirrimarka li għandha tidderieġi l-investiment lejn il-kreattività, il-ħiliet, l-innovazzjoni u t-teknoloġiji sostenibbli u tippromwovi l-modernizzazzjoni tal-bażi industrijali tal-Ewropa permezz ta' politika li tkun konxja mill-katina tal-valur li tinkludi l-industriji bażiċi u l-atturi reġjonali u lokali tagħhom; jemmen li tali approċċ jista' jwassal għal benefiċċji kosteffiċjenti għall-industrija Ewropea u l-ekonomija Ewropea inġenerali;*** |

Or. en

4.10.2016

B8-1051/2016 }
B8-1052/2016 }
B8-1055/2016 }
B8-1056/2016 }
B8-1058/2016 } RC1/Am. 27

**Emenda 27**
**Maria Arena, Edouard Martin, Kathleen Van Brempt, Maria João Rodrigues**
f'isem il-Grupp S&D

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE**
dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***5b. Jemmen li bidliet fis-sistemi finanzjarji u fiskali nazzjonali u internazzjonali, inklużi bidla tal-politiki tat-tassazzjoni minn fuq il-ħaddiema għal fuq ir-riżorsi, l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni, it-tneħħija tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, l-ipprezzar xieraq tal-karbonju, huma essenzjali biex jinħoloq qafas ekonomiku li jrawwem l-investiment pubbliku u privat u jippermetti lil politika industrijali sostenibbli tilħaq l-objettivi tagħha;*** |

Or. en

4.10.2016

B8-1051/2016 }
B8-1052/2016 }
B8-1055/2016 }
B8-1056/2016 }
B8-1058/2016 } RC1/Am. 28

**Emenda 28**

**Maria Arena, Edouard Martin, Kathleen Van Brempt, Maria João Rodrigues**
f'isem il-Grupp S&D
**Yannick Jadot, Karima Delli, Ernest Maragall, Bart Staes**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE**
dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5c. Jemmen li l-leġiżlazzjoni hija xprun għall-innovazzjoni u li l-istabbiliment ta' standards (ambjentali) għoljin fl-UE jistimola l-investimenti privati meħtieġa fir-riċerka u l-iżvilupp li jippermettu lill-kumpaniji Ewropej jipproduċu prodotti/servizzi ta' kwalità fis-suq tal-UE u jikkompetu fis-swieq internazzjonali;*** |

Or. en

4.10.2016 }
}
}
}
29

**Emenda 29**
**Maria Arena, Edouard Martin, Kathleen Van Brempt, Maria João Rodrigues**
f'isem il-Grupp S&D

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5d. Jirrimarka li bosta snin ta' intervent b'appoġġ għall-banek u s-swieq tal-assi fl-UE ma kellhomx impatt fuq l-impjiegi u ma tejbux il-prospetti ekonomiċi; jemmen li l-intervent pubbliku għandu jinbidel mill-istimolazzjoni żejda tan-naħa tal-provvista għal politiki miftiehma bl-għan li jistimolaw id-domanda, anke permezz ta' miżuri fiskali u billi jiġi żgurat li l-pagi jogħlew;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 30**
**Maria Arena, Edouard Martin, Kathleen Van Brempt, Maria João Rodrigues**
f'isem il-Grupp S&D
**Yannick Jadot, Karima Delli, Ernest Maragall, Bart Staes**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE**
dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5e (wara s-sottotitolu "Politika kummerċjali, element essenzjali għal kundizzjonijiet ekwi") (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5e. Jenfasizza li filwaqt li f'diversi setturi tal-ekonomija l-UE hija fil-parti l-kbira miftuħa għal kompetituri minn pajjiżi terzi, il-pajjiżi terzi għandhom bosta ostakli fis-seħħ li jiddiskriminaw kontra kumpaniji Ewropej; jenfasizza li kompetituri minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari miċ-Ċina, qed jikbru malajr u b'mod aggressiv fl-Ewropa u f'reġjuni oħra tad-dinja, spiss b'appoġġ politiku u finanzjarju qawwi mill-pajjiż tal-oriġini tagħhom; jenfasizza li tali prattiki jistgħu jikkostitwixxu kompetizzjoni inġusta u jheddu l-impjiegi fl-Ewropa; jissottolinja li ċ-Ċina ma tissodisfax il-ħames kriterji stabbiliti mill-UE biex tiddefinixxi status ta' ekonomija tas-suq;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 31**

f'isem il-Grupp S&D

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mekkaniżmi ta' aġġustament fil-fruntieri sabiex tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi hija u tfassal politiki maħsubin għall-ksib ***tal-għan strateġiku*** tal-Istrateġija Ewropa 2020 ***li l-Ewropa ssir l-aktar reġjun kompetittiv fid-dinja***; | 8. ***Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi evitat li l-politika kummerċjali tal-UE trawwem prattiki antikompetittivi, inkluż id-dumping ambjentali u b'mod partikolari d-dumping ta' prodotti rħas u ta' kwalità baxxa li jqiegħdu l-istandards Ewropej f'riskju u jaffettwaw lill-industriji bbażati fl-UE;*** jistieden lill-Kummissjoni teżamina mekkaniżmi ta' aġġustament fil-fruntieri sabiex tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi hija u tfassal politiki maħsubin għall-ksib tal-Istrateġija Ewropa 2020 ***u bħala mezz biex jiġu evitati d-dumping ambjentali, l-isfruttament tal-ħaddiema u l-kompetizzjoni inġusta***; |

Or. en

4.10.2016 }
}
}
}
32

**Emenda 32**

f'isem il-Grupp S&D

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jitlob lill-Kummissjoni biex, f'koordinament mal-Istati Membri, teżamina modi kif it-tibdil ekonomiku jista' jiġi permess u ***għalhekk tistieden*** lill-kumpaniji biex fi żmien raġonevoli jnaddfu mit-tniġġis is-siti magħluqa u jiffaċilitaw modi għall-awtoritajiet lokali biex jirkuprawhom; | 20. Jitlob lill-Kummissjoni biex, f'koordinament mal-Istati Membri, teżamina modi kif it-tibdil ekonomiku jista' jiġi permess ***filwaqt li tiżgura li l-kumpaniji jassumu bis-sħiħ ir-responsabbiltà ambjentali tagħhom, jirrispettaw id-dritt ambjentali*** u ***jimplimentaw standards ambjentali għoljin; jitlob b'insistenza*** lill-kumpaniji biex fi żmien raġonevoli jnaddfu mit-tniġġis is-siti magħluqa u jiffaċilitaw modi għall-awtoritajiet lokali biex jirkuprawhom; |

Or. en

4.10.2016 } } } } 33

**Emenda 33**

f'isem il-Grupp S&D

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Ifakkar fit-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tissottometti, mill-aktar fis possibbli u wara li tikkonsulta lis-sħab soċjali, proposta għal att ġuridiku dwar informazzjoni lill-ħaddiema u konsultazzjoni tal-ħaddiema u antiċipazzjoni u ġestjoni tar-ristrutturazzjoni, wara r-rakkomandazzjonijiet dettaljati stabbiliti fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2013 dwar informazzjoni lill-ħaddiema u konsultazzjoni tal-ħaddiema, antiċipazzjoni u ġestjoni tar-ristrutturazzjoni;*** |

Or. en

4.10.2016 } } } } 34

**Emenda 34**

f'isem il-Grupp S&D

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 25b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***25b. Jemmen li l-kumpaniji li jridu jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet offruti mid-dritt Ewropew tal-kumpaniji fl-istess ħin iridu jirrispettaw il-valuri kondiviżi Ewropej; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex, wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali, tistudja l-ħtieġa ta' proposta għal qafas ġuridiku għall-involviment tal-ħaddiema fid-diversi forom ta' kumpaniji Ewropej, li għandu jistabbilixxi standards għoljin għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-konsultazzjoni, u jdaħħal standards minimi ambizzjużi għar-rappreżentanza tal-ħaddiema f'korpi superviżorji jew amministrattivi;*** |

Or. en

4.10.2016 } } } } 35

**Emenda 35**

f'isem il-Grupp S&D

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 31a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***31a. Jiddispjaċih dwar il-finanzjalizzazzjoni gradwali tal-ekonomija reali, iffukata fuq perspettiva finanzjarja fuq perjodu qasir pjuttost milli fuq iż-żamma ta' għodda industrijali innovattiva li tista' tipprovdi impjiegi sostenibbli u ta' kwalità u benefiċċji fit-tul għas-soċjetà; jiddispjaċih li dan l-approċċ wassal għal għadd kbir ta' telf ta' impjiegi fis-settur tal-manifattura; jistieden lill-Kummissjoni tikkonsulta lis-sħab soċjali dwar l-opportunità għal reviżjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti rigward is-sensji kollettivi, filwaqt li tqis dawk l-aspetti marbuta mal-każijiet Caterpillar u Alstom, u b'mod partikolari l-involviment fil-proċedura tal-ħaddiema u s-sottokuntratturi kollha, u miżuri effikaċi biex jiġu evitati sensji kollettivi kontra l-liġi li ma jkunux ibbażati fuq raġunijiet ekonomiċi reali, inkluża l-possibbiltà ta' sanzjonijiet - pereżempju, is-sospensjoni tal-aċċess għal programmi ffinanzjati mill-UE jew talba biex l-għajnuna*** |

***pubblika mogħtija titħallas lura;***

Or. en

4.10.2016 } } } } 36

**Emenda 36**

f'isem il-Grupp S&D

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 32a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***32a. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet, li tintroduċi l-possibbiltà ta' sospensjoni tal-pjanijiet ta' ristrutturazzjoni u tal-għeluq ta' impjanti sakemm titlesta l-proċedura ta' konsultazzjoni xierqa, stabbilita fid-dritt Ewropew, biex b'hekk il-ħaddiema jingħataw opportunità ġusta li jinfluwenzaw il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-kumpanija;*** |

Or. en

4.10.2016 }
}
}
}
37

**Emenda 37**

f'isem il-Grupp S&D

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 32b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Jenfasizza li l-kwalità tar-relazzjonijiet industrijali fi ħdan kumpanija hija aspett fundamentali tar-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpaniji (CSR), fosthom li jinstabu modi kif is-sħab soċjali jaħdmu flimkien, speċjalment fit-titjib tad-djalogu soċjali u l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u r-ristrutturazzjoni, id-dritt tal-ħaddiema li jiffurmaw jew jingħaqdu ma' trade unions, li jinnegozjaw u jistrajkjaw, u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSR, inkluż qafas obbligatorju ta' rappurtar soċjali u ambjentali, u għall-kumpaniji u l-maniġers sabiex jerfgħu r-responsabbiltà għall-konsegwenzi ta' abbużi jew ta' mġiba ħażina, u l-istabbiliment ta' qafas għal ftehimiet Ewropej dwar is-CSR;*** |

Or. en

4.10.2016 } } } } 38

**Emenda 38**

f'isem il-Grupp S&D

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 34a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***34a. Jinnota li f'każijiet ta' ristrutturazzjoni, il-ħaddiema żgħażagħ u l-ħaddiema akbar fl-età huma aktar spiss fil-mira għal sensja meta mqabbla ma' gruppi ta' etajiet oħra; jenfasizza li, f'każijiet ta' sensji, l-impjegaturi jridu jirrispettaw l-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, partikolarment fir-rigward tad-diskriminazzjoni minħabba l-età;*** |

Or. en